**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 449/15 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg fl-24 ta' Ottubru tas-sena 2009 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal;
2. Illi l-imsemmi konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Liza Schembri fl-4 ta' Gunju 2012 (Dokument AR1).
3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*, l-obbligi tal-

hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2 tal-istess kuntratt).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tipprometti illi huwa minnu illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ Ottubru tas-sena 2009 u minn dan iz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal;

Illi huwa minnu li l-partijiet huma separati legalment permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Liza Schembri fl-4 ta’ Gunju tas-sena 2012;

Illi hija taqbel li m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati de facto mill-15 ta’ Ottubru tas-sena 2011, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw rabtiet ma terzi;

Illi huwa minnu li m’hemm l-ebda kwistjoni ta’ manteniment stante l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament, hekk kif jidher mill-klawsola numru 2 tal-kuntratt tas-separazzjoni;

Illi ghalhekk hija taqbel li dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Għaldaqstant l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti li dina il-Qortio tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015 ;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-4 ta' Gunju, 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.